MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 466/2012

**AB**
**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-kontendenti konjugi B ikkontrattaw iz-zwieg fit-28 ta’ Jannar tas-sena 1984 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, Nicole u Kim, illum maggorenni.

Illi l-imsemmi konjugi B kienu infirdu minn xulxin b’kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Liza Camilleri fil-21 ta’ Lulju 2004 (Dokument MAA1).

Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi Agius kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2ii tal-istess kuntratt) u fit-tieni lok kienu ikkwantifikaw il-kontribut tal-esponent lejn il-manteniment ta' uliedu (allura minuri) Nicole u Kim, ahwa Agius, illi gie imhallas mir-rikorrent lill-imsemmija martu. Illum, kif inghad, l-imsemmija Nicole u Kim huma maggorenni u finazjarjament indipendenti.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab a tenur tal-Artiklu 66B tal-Kap 16, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors tieghu;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Semghet lir-rikorrenti ukoll jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Lulju 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti irnexxielu ukoll jipprova illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------